**Għannej ċkejken**

B'dedika lil ħija u ħabib Ray Mahoney

Ftaħt bħas-soltu l-gazzetta onlajn
Biex nara x'inhu għaddej fostna,
U jien u naqra nħsadt bil-bosta
Qrajt li ħallejtna, m'għadekx f'nofsna.

Intagħsret qalbi ħabib tiegħi
Li kellmitek, semgħetek fis-sliem,
Meta konna nitħaddtu w nistabru
Mill-hemm tal-ħajja li ma jafx tmiem.

Għadni nisma' fis-skiet dak leħnek
Hekk qawwi, ħelu, wisq għalliemi,
Għadu jkellimni kulfejn immur
Jgħallimni: kemm jgħaddu dawn jiemi.

Ngħożż bħad-deheb kull kelma li għedtli
Naħseb fuqha kemm itul iż-żmien,
It-tifkira għażiża tiegħek
Emminni li ma nsib bħalha mkien.

Għax is-sinċerità ta' qalbek
Għalija l-aqwa, l-isbaħ rigal,
Li se jibqa' jimxi sod miegħi
Fit-tramuntana u fil-grigal.

Filwaqt li napprezza kull kelma
Li int ktibt fuq il-karta għarqan,
Fis-sjuf sbieħ u sħan ta' Gżiritna
Jagħmluni għall-pajjiżi ħerqan.

Għażiż ħija tolqotni kelmtek
Mitkellma mill-qiegħ, b'profondità,
X'riflessjonijiet int għaddejtli
rigward il-ħajja b'semplicità.

Imħabbtek għall-Ħniena Divina
Fetħitlek qalbek beraħ għaliĦ,
L-Imgħallem għalik ġie w iltaqa'
Għax kien jaf li kont qed tistennieħ.

Hu li hu mħabba ma ġiex waħdu
Ġab lil Ommu li int tant ħabbejt,
Niżlet maġenbek, tagħtek idha
Ixxuttatlek id-dmugħ minn għajnejk.

Ħdejha kien hemm ukoll Ġużeppi
Li x'ħin rak fetaħ dirgħajh beraħ,

Għannqek ma’ qalbu, jaf li tħobbu,
Daħħlek fis-sema bik tant feraħ.

Ismek jibqa’ mniżżel fl-istorja
Hekk imlewwna ta’ Malta tagħna,
Il-poeżiji, kanżunetti
Li ktibtilna jżommuk hawn magħna.

Dawn it-teżori ħarġu sbejħa
Mill-iprem skola dik tal-ħajja,
Għalhekk min jaqrahom u jismagħhom
Bil-bosta jitfarraġ fit-tlajja’.

Meta tkun ħdejn Pietru u Pawlu
Tinsiex tgħaddili kelma ħabib,
Fakkar lill-Kbir biex jieħu ħsiebi
Għidlu: “L’Ibnek wiżnu fis-salib”.

Tibżax, malajr jifhmek għax magħna
Kien ikun dal-Missier hekk ħanin,
Li int tant ħabbejt b’qalbek kbira
Jgħolli l-umli jbaxxi s-setgħanin.

Ħabibi w ħija għallimtni
Inħobb lill-żgħir u lill-imsejken,
Franġisku ieħor kont għalija
F’qiegħ qalbi tibqa’ l-għannej ċkejken.

Patri Mario Attard OFM Cap
27 ta’ Lulju 2023

Ibierkek Alla li jista’ kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.